# SEC Environmental Studies coursework titles 2020 – 2023
# Titli tal-coursework tal-Istudji Ambjentali taċ-ĊES 2020-2023

**An investigation into water conservation at home.**
**Investigazzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ilma fid-dar.**
The candidate is to inform him/herself on the problems associated with water availability and production in Malta, and discuss one or more possible house-hold water conservation measures that s/he and the family can implement to help reduce the problem. The project should contain both primary and secondary research. The methodology should include a survey.

Il-kandidat/a għandu/ha j/tinforma ruħu/ruħha dwar il-problemi assoċjati mad-disponibiltà u l-produzzjoni tal-ilma f'Malta kif ukoll j/tiddiskuti miżura waħda jew aktar dwar il-konservazzjoni tal-ilma fid-dar li hu/hi u l-familja jistgħu jimplimentaw biex jgħinu jnaqqsu l-problema. Il-proġett għandu jkollu kemm riċerka primarja kif ukoll sekondarja. Il-metodoloġija għandha tinkludi stħarriġ.

**The importance of Maltese nature reserves in preserving geology and/or biodiversity.**
**L-importanza tar-riservi naturali Maltin fil-preservazzjoni tal-ġeoloġija u/jew tal-bijodiversità.**
The candidate is to choose ONE nature reserve and discuss its importance for the locality and, more broadly, for Malta. The project should contain both primary and secondary research. The methodology should include a survey and a form of fieldwork (site-visits, observation & basic data collection & very basic analysis).

Il-kandidat/a għandu/ha j/tagħżel riserva naturali WAĦDA u j/tiddiskuti l-importanza tagħha għal-lokalità u b'mod aktar miftuħ, għal Malta. Il-proġett għandu jkollu kemm riċerka primarja kif ukoll sekondarja. Il-metodoloġija għandha tinkludi stħarriġ u xi tip ta' fieldwork (żjarat fuq is-sit, osservazzjonijiet, ġbir ta' informazzjoni bażika u analiżi bażika).

**Malta's coastal defence network under the Order of the Knights of St John.**
**Is-sistema tad-difiża kostali ta' Malta taħt l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann.**
The candidate is to inform him/herself about the defence network of either Malta or Gozo, and provide a general description of it. Furthermore, the candidate is to focus on ONE fortification (site) and analyse its architecture and use during the time of the Knights, and how these changed over time to the present. The project should contain both primary and secondary research. The methodology should include basic site mapping and a survey and/or interviews with locals, tourists, industry professionals etc.

Il-kandidat/a għandu/ha j/tinforma lilu/lilha nnifsu/nnifisha dwar is-sistema tad-difiża ta' Malta jew ta' Għawdex, u jingħata deskrizzjoni ġenerali tiegħu. Barra minn hekk, il-kandidat/a għandu/ha j/tiffoka fuq fortifikazzjoni (sit) WAĦDA u j/tanalizza l-arkitettura u l-użu tagħha matul iż-żmien tal-Kavallieri, u kif dawn inbidlu maż-żminijiet. Il-proġett għandu jkollu kemm riċerka primarja kif ukoll sekondarja. Il-metodoloġija għandha tinkludi mapep bażiċi tas-sit u stħarriġ u/jew intervisti man-nies lokali, mat-turisti, ma' professjonisti tal-industrija eċċ.

**A history of the celebration of the feasts of St Peter and St Paul, Our Lady of Victory and Carnival, in Malta.**

**L-istorja taċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi ta' San Pietru u San Pawl, il-Vitorja u l-Karnival ta' Malta.**

The candidate is to gather information about the history of ONE of these feasts and how it was celebrated along the years. The candidate is to include: history, folklore, traditions and legends; and should discuss how these were and are understood by locals and foreigners. The project should contain both primary and secondary research. The methodology should include a survey and/or interviews with locals, tourists, industry professionals, history/folklore experts etc.

Il-kandidat/a għandu/ha j/tiġbor informazzjoni dwar l-istorja ta' WAĦDA minn dawn il-festi u kif ġiet iċċelebrata matul is-snin. Il-kandidat/a għandu/ha j/tinkludi: l-istorja, il-folklor, it-tradizzjonijiet u l-leġġendi; u għandhom jiġu diskussi kif kienu mifhuma fil-passat u fil-preżent min-nies lokali u barranin. Il-proġett għandu jkollu kemm riċerka primarja kif ukoll sekondarja. Il-metodoloġija għandha tinkludi stħarriġ u/jew intervisti man-nies tal-post, mat-turisti, ma' professjonisti tal-industrija, mal-esperti tal-istorja/folklor eċċ.

**Malta: developing into a multi-cultural society.**

**Malta: L-iżvilupp f'soċjetà multikulturali.**

The candidate is to inform him/herself about the circumstances and causes that have led to an increasingly multicultural Maltese society. Furthermore, the candidate should identify ONE effect of multiculturalism on Maltese society and discuss it. The project should contain both primary and secondary research. The methodology should include a survey and/or interviews with locals, tourists, industry professionals etc.

Il-kandidat/a għandu/ha j/tinforma lilu/lilha nnifsu/nnifisha dwar iċ-ċirkostanzi u l-kawżi li wasslu biex is-soċjetà Maltija dejjem qed issir aktar multikulturali. Barra minn hekk, il-kandidat/a għandu/ha j/tidentifika u j/tiddiskuti effett WIEĦED tal-multikulturaliżmu fuq is-soċjetà Maltija. Il-proġett għandu jkollu kemm riċerka primarja kif ukoll sekondarja. Il-metodoloġija għandha tinkludi stħarriġ u/jew intervisti man-nies lokali, mat-turisti, ma' professjonisti tal-industrija eċċ.

**Transitioning from Maltese citizens to global ones.**

**It-Tranżizzjoni minn ċittadini Maltin għal ċittadini globali.**

The candidate is to focus on how youth today are seeing past the confines of the island, enabled by the effects of technology and globalisation. The candidate is to focus on how Maltese youth are transitioning from local to global citizens, and analyse the consequences of this phenomenon. The project should contain both primary and secondary research. The methodology should include a survey and/or interviews with locals, tourists, industry professionals etc.

Il-kandidat/a għandu/ha j/tiffoka fuq kif iż-żgħażagħ tal-lum qed imorru lil hinn mill-konfini tal-gżejjer Maltin, bis-saħħa tat-teknoloġija u l-globalizzazzjoni. Il-kandidat/a għandu/ha j/tiffoka fuq kif iż-żgħażagħ Maltin qed jinbidlu minn ċittadini lokali għal dawk globali, u janalizzaw il-konsegwenzi ta' dan il-fenomenu. Il-proġett għandu jkollu kemm riċerka primarja kif ukoll sekondarja. Il-metodoloġija għandha tinkludi stħarriġ u/jew intervisti man-nies lokali, ma' barranin, ma' professjonisti tal-industrija eċċ.

**Important**

**Importanti**

The candidate is to choose ONE title.

The project should consist of a report of approximately 1500 to 2000 words about the chosen topic. In their write up candidates are expected to develop the topic in their own words and to supplement their account with appropriate statistics, graphs and photos/sketches/diagrams (with appropriate captions). While candidates are encouraged to use the available literature and the Internet for their research, they are reminded that plagiarised work will be heavily penalised.

This work shall carry a total mark of 30/200 or 15% of the global mark of the examination. The following is the marking scheme that will be used to correct the projects.

| ENVIRONMENTAL STUDIES | |
|---|---|
| | |
| **INTRODUCTION** | |
| Brief information on the topic of the project | 1 |
| Plan of work | 1 |
| **BODY** | |
| Evidence of planning (including documentation) and appropriate analysis of the topic under review, including evidence that the coursework, and observations and ideas therein, is authentic also taking into consideration the pitfall of plagiarism | 3 |
| Observation and data collection | 2 |
| Analysis of data | 2 |
| **CONCLUSION** | |
| Conclusions arrived at, interpretation of primary data and a brief synopsis of what was learnt (knowledge and skills) during the process of research, compilation and writing of the project | 2 |
| Suggestions and recommendations | 1 |
| **OVERALL** | |
| Relevance of fieldwork methods, display of data, representation of information | 1 |
| Layout, systematic approach and the appropriate inclusion of the title, acknowledgements, table of contents, subdivisions in chapters, consistency, bibliography/references, an appropriate use of a variety of sources | 2 |
| **TOTAL MARKS** | **15** |

Il-kandidat għandu jagħżel proġett WIEHED biss.

Il-proġett għandu jikkonsisti f'rapport ta' madwar 1500 sa 2000 kelma fuq is-suġġett magħżul. Fil-kitba tagħhom il-kandidati huma mistennija jiżviluppaw is-suġġett fi kliemhom u jżidu mar-rapport tagħhom statistiċi, graphs u ritratti/disinji addattati (b'captions addattati). Filwaqt li l-kandidati huma mħeġġa jagħmlu użu mill-letteratura li teżisti u mill-Internet għar-riċerka tagħhom, ta' min ifakkarhom li xogħol ikkupjat ikun penalizzat severament.

Dan ix-xogħol ikollu marka totali ta' 30/200 jew 15% tal-marka globali ta' l-eżami. Il-marki li se jingħataw lill-proġetti se jkunu mqassma skond it-tabella t'hawn fuq.

# Themes 1 & 2
# Geography

**An investigation into water conservation at home.**
**Investigazzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ilma fid-dar.**

| | |
|---|---|
| Front Page – Project Title, Name and Surname | L-ewwel paġna – Titlu tal-proġett, Isem u Kunjom |
| Second page – Contents Page | It-tieni paġna – Werrej |
| Third page – List of Figures | It-tielet paġna – Lista ta' Disinni |
| | |
| **Introduction** | **Introduzzjoni** |
| Aims of the Report | Miri tal-proġett |
| Explanation of water conservation and the reasons why you think it is important that we conserve water especially in countries like Malta. | Spjega xi tfisser konservazzjoni tal-ilma u għaliex huwa importanti li tieħu ħsieb l-ilma speċjalment f'pajjiżi bħal Malta. |
| Explain how you did this report. | Spjega kif ħdimt dan il-proġett. |
| | |
| **Water in the Maltese Islands** | **L-Ilma fil-Gżejjer Maltin** |
| Mention and explain the sources of water in the Maltese Islands | Semmi u spjega s-sorsi tal-ilma fil-Gżejjer Maltin. |
| Explain the reasons why we have a lack of water in the Maltese Islands | Semmi u spjega għalfejn għandna nuqqas ta' ilma fil-Gżejjer Maltin. |
| Explain ways in which water is being conserved in the Maltese Islands | Spjega metodi differenti ta' kif qed issir il-konservazzjoni tal-ilma f'pajjiżna. |
| | |
| **Water Conservation in homes** | **Il-konservazzjoni tal-ilma fid-djar** |
| Explain ways in which water can be conserved in homes | Spjega metodi kif jista' jiġi ikkonservat l-ilma fid-djar. |
| Create a survey that gives you an insight on water conservation in Maltese homes. | Oħloq stħarriġ fejn tistaqsi lin-nies fuq il-konservazzjoni tal-ilma li qed issir fid-djar tagħhom. |
| Explain your results. | Ikkummenta fuq ir-riżultati. |
| | |
| **Conclusion** | **Konklużjoni** |

| | |
|---|---|
| Explain how water is being conserved in the Maltese homes by using the results of the survey. | Spjega kif l-ilma qed jiġi ikkonservat fid-djar Maltin billi tuża ir-riżultati tal-istħarriġ tiegħek. |
| What did you learn from your survey? | X'tgħallimt minn din ir-riċerka u mill-istħarriġ? |
| Give some suggestions regarding water conservation. | Agħti suġġerimenti dwar il-konservazzjoni tal-ilma. |
| | |
| **Bibliography/References** | **Bibljografija/Referenza** |
| | |

**The importance of Maltese nature reserves in preserving geology and/or biodiversity.**
**L-importanza tar-riservi naturali Maltin fil-preservazzjoni tal-ġeoloġija u/jew tal-bijodiversità.**

| | |
|---|---|
| Front Page – Project Title, Name and Surname | L-ewwel paġna – Titlu tal-proġett, Isem u Kunjom |
| Second page – Contents Page | It-tieni paġna – Werrej |
| Third page – List of Figures | It-tielet paġna – Lista ta' Disinni |
| | |
| **Introduction** | **Introduzzjoni** |
| Aims of the Report | Miri tal-proġett |
| Explain what a nature reserve is. Explain how a nature reserve is selected. Indicate which nature reserve you are going to choose. Explain the reasons why you chose it. | Spjega x'inhi riserva naturali. Spjega kif tintgħażel riserva naturali. Indika liema riserva naturali se tagħżel biex titkellem fuqha. Spjega r-raġunijiet għalfejn għażiltha. |
| Explain how you did this report. | Spjega kif ħdimt dan il-proġett. |
| | |
| **Nature Reserves** | **Riservi Naturali** |
| Explain the site where the nature reserve is located. Include information about; geology of the area, water sources in the area under study, soil type in the area. | Spjega x'insibu fis-sit fejn tinsab ir-riserva naturali li għażilt. Inkludi informazzjoni dwar; il-ġeoloġija taż-żona, sorsi tal-ilma fiż-żona taħt studju, tip ta' ħamrija fiż-żona. |
| Give an explanation of the Mediterranean climate and how it controls the erosion and water movement in the area. | Agħti informazzjoni dwar il-klima Mediterranja u kif tikkontrolla l-erożjoni u l-moviment tal-ilma fiż-żona. |
| Find information about the types of habitats present in the area. | Fittex informazzjoni dwar it-tipi differenti ta' abitati preżenti fiż-zoni li għażilt. |
| | |
| **Data and Analysis** | **Stħarriġ u Analiżi** |
| Biological surveys using:<br>• Line transects<br>• Quadrats | Stħarriġ bijoloġiku billi tuża:<br>• Line transects<br>• Quadrats |
| Use a geological and geomorpholgical map of Malta to map the types of rocks and the geomorphological features present in the area. | Uża mappa ġeoloġika u ġeomorfoloġika ta' Malta biex turi t-tipi ta' blat u l-karatteristiċi ġeomorfoloġiċi preżenti fiż-żona. |

| | |
|---|---|
| | |
| **Conclusion** | **Konklużjoni** |
| Indicate the reasons why the area was chosen. | Għid x'inhuma r-raġunijiet għaliex għażilt dan is-sit. |
| Make a summary of your findings. | Agħmel summary tal-istħarriġ li għamilt. |
| | |
| **Bibliography/References** | **Bibljografija/Referenza** |
| | |

# Themes 3 & 4

# History

**Tqassim tal-Proġett**

Il-proġett irid ikollu l-aktar preżentazzjoni pulita possibbli. Id-dehra tax-xogħol hija importanti daqs ix-xogħol li jkun sar biex inkiteb il-proġett. Għaldaqstant l-istudent għandu:

- jżomm ix-xogħol pulit u ċar
- preferibilment il-proġett għandu jsir bil-kompjuter
- jekk il-proġett ser jinqasam f'sezzjonijiet, dawn għandhom ikunu ċari u identifikati kemm fil-werrej kif ukoll permezz ta' taqsimiet oħra, skond il-gosti ta' l-istudent
- stampi u ritratti jew mapep użati għandhom ikunu ċari
- kull forma ta' illustrazzjoni li tintuża fil-proġett tista` titqiegħed f'appendiċi għalihom
- kull illustrazzjoni jkollha xi forma ta' identifikazzjoni taħtha eż. Fig.1.1
- kull proġett għandu jkun imqassam b' dan il-mod :
  a) Titlu ċar u pulit fuq quddiem
  b) Isem u kunjom tal-istudent fl-istess paġna in-naħa t' isfel
  c) Paġna għall-werrej (index)
  d) Introduzzjoni
  e) Żvilupp tat-tema f'sezzjonijiet
  f) Konklużjoni
  g) Sezzjoni għall-Appendiċi jekk l-istudent iddeċieda li jitfa' l-illustrazzjonijiet kollha f'daqqa.
  h) Bibljografija tax-xogħolijiet li uża l-istudent biex ġabar xi informazzjoni.
- fl-aħħar il-proġett għandu jkun "binded" jew miġbur kollu flimkien permezz ta' xi ħaġa oħra skond il-gosti tal-istudent.

**Aspetti u punti għall-iżvilupp**

Billi qegħdin nitkellmu dwar STUDJI AMBJENTALI, jagħmel sens ħafna li fit-tema li ħa tagħżel tiżviluppa l-aspetti ġeografiċi, storiċi u soċjali.

**IMPORTANTI**

- L-istudent għandu jikkonsulta mal-għalliem qabel ma jibda x-xogħol u waqt ix-xogħol.
- Il-proġett irid ikun lest sal-ewwel ġimgħa ta' Jannar.

**Malta's coastal defence network under the Order of the Knights of St John.**
**Is-sistema tad-difiża kostali ta' Malta taħt l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann.**

L-istudenti għandhom jiġbru nformazzjoni u jagħtu informazzjoni ġenerali dwar is-sistema ta difiża ta' Malta JEW ta' Għawdex. Barra minn hekk, l-istudenti jridu jiffukaw fuq fortifikazzjoni (sit) WIEĦED u janalizza l-arkitettura tiegħu, l-użu tiegħu fi żmien il-Kavallieri, u kif dawn inbidlu matul iż-żmien sal- ġurnata tal-lum. Il-proġett irid jinkludi kemm riċerka primarja kif ukoll riċerka sekondarja. Il-metodoloġija trid tinkludi survey u/jew intervisti man-nies tal-lokal, turisti, professjonisti tal-industrija (industry professionals)etc.

Xi **kotba** li tistgħu tikkonsultaw fir-riċerka tagħkom:
Hoppen A., The fortifications of Malta by the Order of St. John. 1530 – 1798
Samut –Tagliaferro A., The Coastal Fortification of Gozo and Comino
Spiteri S.C., Fortress of the Knights
Spiteri S.C., Discovering the Fortifications of the Order of St. John in Malta
Spiteri S.C., A visual guide to the Fortifications of Malta
Stephenson C., The Fortification of Malta 1530 – 1945. From the Knights of Malta to British Rule

**A history of the celebration of the feasts of St Peter and St Paul, Our Lady of Victory and Carnival, in Malta.**
**L-istorja taċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi ta' San Pietru u San Pawl, il-Vitorja u l-Karnival ta' Malta.**

Tinġabar informazzjoni fuq WAĦDA minn dawn il-festi. Tridu tiddiskuti kif din il-festa kienet tiġi ċċelebrata tul iż-żmien. Il-proġett irid jinkludi: l-istorja, il-folklor, it-tradizzjonijiet u l-leġġendi; l-istudenti għandhom jiddiskutu ukoll kif dawn iħarsu lejhom il-Maltin u l-barranin. Il-proġett irid jinkludi kemm riċerka primarja kif ukoll riċerka sekondarja. Il-metodoloġija trid tinkludi survey u/jew intervisti man-nies tal-lokal, turisti, professjonisti tal-industrija (industry professionals), esperti tal-istorja/folklor etc.

Xi **kotba** li tistgħu tikkonsultaw fir-riċerka tagħkom:
Cremona V A., Carnival and Power.
Farrugia G., The Maltese Village Festa. A Traditional Yearly Ritual.

# Themes 5 & 6
# Social Studies

**Malta: developing into a multi-cultural society.**

**Malta: L-iżvilupp f'soċjetà multikulturali.**

| | | |
|---|---|---|
| Page 1 | Kontenut | Kontenut pg. 1<br>Lista ta' Stampi/Ritratti pg. 2<br>Lista ta' Statistika pg. 3<br>Introduzzjoni pg. 4<br>Kapitlu 1 pg. 6<br>.............. ........ |
| Page 2 | Lista ta' Stampi | Agħmel lista tal-istampi, ritratti u xi graphs li għandek fil-proġett,<br>eż. Figure 1 – grupp ta' nies flimkien li huma ta' kulturi differenti pg. 7 |
| Page 3 | Lista ta' Statistika | Fil-proġett importanti li tagħmel riċerka minn kotba jew mill-Internet u ssib xi statistika.<br>Jekk fil-progett għandek xi statistika (tables), agħmel lista tagħhom, eż. Table 1 – l-ammont ta' nies barranin li jgħixu Malta pg. 12 |
| Page 4 | Introduzzjoni | Agħmel informazzjoni qasira dwar it-topik tal-proġett:<br>- X'inhi l-kultura?<br>- L-erba' elementi tal-kultura: Lingwa, Drawwiet, Valuri, Teknoloġija.<br>- F'Malta, m'għadniex insibu l-kultura Maltija biss iżda sirna nsibu bosta kulturi differenti – diversita' kulturali.<br>- Ikteb fil-qasir dwar dak li ser tiddiskuti fil-proġett. 200 kelma |

**Kapitlu 1 – Il-multi kulturaliżmu f'Malta** **500 kelma**

- Il-kultura Maltija
  - Spjega x'inhu l-multi-kulturaliżmu?
  - X'wassal biex il-kultura Maltija tkun dejjem iżjed multi-kulturali?
    - It-tmexxija fil-passat
    - L-influwenza tal-mass midja (isiru jafu dwar pajjiżna u jitħajjru jiġu hawn bħala turisti), l-emigrazzjoni (hawn nies barranin li ġew jgħixu f'Malta għal kollox minħabba t-temp u l-istil ta' ħajja tagħna) u t-turiżmu
    - Id-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja (fejn kull ċittadin Ewropew għandu dritt jiġi Malta biex jistudja, biex jaħdem u bl-iskop li jibqa' jgħix hawn)
    - L-immigrazzjoni irregolari f'Malta

**Kapitlu 2 – Bidla u Żviluppi Soċjali** **250 kelma**

- **Qed ngħixu f'dinja globalizzata** – li minħabba l-mass media, id-dinja qed issir qisha pajjiż wieħed minħabba li żdiedet il-komunikazzjoni minn pajjiż għall-ieħor, importazzjoni ta' prodotti u nies iżuru jew jgħixu f'pajjiżi differenti.
- **Il-fatt li sirna mono kultura** – li minħabba li qed nitħalltu ma' nies ta' kulturi differenti, qed nitilfu d-drawwiet tradizzjonali tagħna u *niġu b'kultura waħda simili mal-pajjiżi kollha*, eż. Ma tantx għadna insajru

ikel tradizzjonali Malti bħal stuffat, soppa tal-armla ... imma nippreferu nieklu ikel bħal għaġin, pizza, bergers etc. Kellna l-lira maltija, l-għonella, l-għana, karozza ta-linja li kollha tlifnihom u flokhom għandha drawwiet li ġejjin minn pajjiżi barranin.

- Semmi vantaġġi u żvantaġġi tal-multi kulturaliżmu:
  - Eż. Vantaġġ hu aktar ħiliet u kapaċitajiet fil-pajjiż
  - Eż. Żvantaġġ hu li qed nitilfu l-kultura ġenerali tal-pajjiż

**Kapitlu 3 – Effetti tal-multikulturaliżmu** **250 kelma**

Agħżel effett **wieħed** tal-multikulturaliżmu fuq is-soċjetà Maltija u iddiskuti fit-tul, eż. L-effetti tal-immigrazzjoni irregolari fuq pajjiżna.

**Kapitlu 4 - Ir-riċerka** **200 kelma**

- Parti minn dan il-proġett jinvolvi riċerka. Fittex studji li saru fuq il-multikulturaliżmu u ikteb fi kliemek/inkludi statistika/graphs.
- Prepara kwestjonarju biex tqassmu lil nies li ġejjin minn pajjiżi u kulturi differenti (bejn 10 u 20) jew agħmel intervista fit-tul ma ftit persuni. Ir-riċerka tista ssir ma' turisti jew immigranti.
- Iġbor l-informazzjoni li ħadt mill-kwestjonarji u ikteb dwarha.
- Agħmel summary tar-riċerka tiegħek.

**Kapitlu 5 – Konklużjoni** **100 kelma**

- Iġbor il-punti ewlenin li sibt fil-proġett dwar kif is-soċjeta Maltija qed issir aktar multi kulturali
- Ikteb xi suġġerimenti jew rakkomandazzjonijiet.

**Biblijografija**

- Kull sors ta' informazzjoni jrid jitniżżel f'din is-sezzjoni.
  - Eż. George Said-Zammit, 2012, Environmental Education Malta and Beyond, Miller Distributors Limited
  - Eż. www. Wikipedia.com

**Transitioning from Maltese citizens to global ones.**

**It-Tranżizzjoni minn ċittadini Maltin għal ċittadini globali.**

| | | |
|---|---|---|
| Page 1 | Kontenut | Kontenut pg. 1<br>Lista ta' Stampi/Ritratti pg. 2<br>Lista ta' Statistika pg. 3<br>Introduzzjoni pg. 4<br>Kapitlu 1 pg. 6<br>............... ........ |
| Page 2 | Lista ta' Stampi | Agħmel lista tal-istampi, ritratti u xi graphs li għandek fil-proġett, eż. Figure 1 – grupp ta' pajjiżi differenti minn madwar id-dinja pg. 7 |
| Page 3 | Lista ta' Statistika | Fil-proġett importanti li tagħmel riċerka minn kotba jew mill-Internet u ssib xi statistika.<br>Jekk fil-progett għandek xi statistika (tables), agħmel lista tagħhom, eż. Table 1 – Nies Maltin li jgħixu barra minn pajjiżna pg. 12 |
| Page 4 | Introduzzjoni | Agħmel informazzjoni qasira dwar it-topik tal-proġett:<br>- Xi tfisser Identita Lokali/Nazzjonali u Globali?<br>- Malta bħal parti mid-dinja 200 kelma |

**Kapitlu 1 – Ċittadini Lokali, Nazzjonali u Globali** **500 kelma**

- Spjega fil-qosor xi tfisser li ċittadin għalkemm jgħixu f'Lokalita u pajjiż, iżda nagħmlu parti mid-dinja.
- Malta bħala parti mil-kumplament tad-dinja. Illum saret ħaġa komuni li nikkomunikaw u naraw x'inhu jiġri madwar id-dinja kollha. Fuq kollox dak li jsir f'pajjiżi oħra jaffetwana lilna wkoll. Għalhekk hu mportanti li nħossuna parti mhux biss min pajjiżna imma mid-dinja kollha, u fejn nistgħu ngħinu lil xulxin. Fuq kollox kulħadd huwa interdipendenti u kulħadd bżonn lil kulħadd, Eżempju: L-importazzjoni tal-prodotti
- Istituzzjonijiet internazzjonali bħall-Unjoni Ewropea, Ġnus Magħquda u Commonwealth li l-fatt li aħna membri tagħhom, iżidulna d-drittijiet tagħna għal ċittadinanza globali bħal vjaġġar minn pajjiż għall-ieħor.

**Kapitlu 2 –Xi tfisser globalizzazzjoni?** **200 kelma**

- Fl-antik konna nitwieldu, ngħixu, niżżewġu u immutu fl-istess raħal. Dak li jseħħ fir-raħal- kien ikun fuq fomm kulħadd imma ftit konna nkunu nafu x'inhu jiġri barra r-raħal aħseb u ara x'kien ikun qed jiġri barra mil-pajjiż.
- X'wassal għal globalizzazzjoni? Mezzi ġodda tal-komunikazzjoni, teknoloġija u ajruplan.
- Vantaġġi tal-globalizzazzjoni: soċjetà waħda fejn kulħadd jista' jikkomunika, nistgħu nixtru minn liema pajjiż irridu, relazzjonijiet minn pajjiżi differenti, informazzjoni malajr mil-kumdità tad-dar.
- Żvantaġġi: terroriżmu, problemi ambjentali, esplojtazzjoni, poverta, inugwaljanza.

**Kapitlu 3 – Iż-żgħażagħ Maltin bħala ċittadini globali** **300 Kelma**

- F'din is-sezzjoni għandek tiffoka fuq kif iż-żgħażagħ Maltin qed issiru aktar globali, l-aktar minħabba vjaġġar, teknoloġija u social media u l-konsegwenzi li din tista' toħloq.

**Kapitlu 4 - Ir-riċerka** **200 kelma**

- Parti minn dan il-proġett jinvolvi riċerka. L-ewwel parti fittex studji li saru fuq il-Maltin li siefru barra min Malta. It-tieni parti l-aħjar li tagħmel din ir-riċerka fuq iż-żgħażagħ li kellhom opportunitajiet li jgħixu barra jew ma'żgħażagħ li jixtiequ jmorru barra għax jaħsbu li Malta mhix biżżejjed għalihom u għaldaqstant jaraw il-futur tagħhom barra. Prepara kwestjonarju biex tqassmu lil bejn għaxar u għoxrin persuna jew agħmel intervista fit-tul ma ftit persuni.
- Iġbor l-informazzjoni li ħadt mill-kwestjonarji u ikteb dwarha.
- Agħmel summary tar-riċerka tiegħek.

**Kapitlu 5 – Konklużjoni** **100 kelma**

- Iġbor il-punti ewlenin li sibt fil-proġett.
- Ikteb xi suġġerimenti jew rakkomandazzjonijiet.

**Biblijografija**

- Kull sors ta' informazzjoni jrid jitniżżel f'din is-sezzjoni.
  - Eż. George Said-Zammit, 2012, Environmental Education Malta and Beyond, Miller Distributors Limited
  - Eż. www. Wikipedia.com